MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2005

Appell Kriminali Numru. 250/2004

**Il-Pulizija**

**kontra**

**Anthony Delicata**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Anthony Delicata talli:

(1) nhar il-21 ta' Novembru 2002, u matul ix-xhur ta' qabel din id-data, f'Rahal Gdid, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, zamm f'xi fond arma tan-nar kif ukoll munizzjon, jew kellu f'idejh, jew fuqu arma tan-nar kif ukoll munizzjon izda mhux f'fond jew post li jaghmel mieghu;

(2) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu munizjon minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-8 ta’ Novembru 2004 li permezz taghha dik il-Qorti, fuq ammissjoni ta' l-imputat, sabet lill-imsemmi Anthony Delicata hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkunndannatu ghal canfira;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fid-19 ta’ Novembru 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qort tirriforma l-istess sentenza, billi tikkonferma s-sejbien ta’ htija u minflok il-piena mposta, tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant jirrigwarda l-piena imposta mill-ewwel Qorti. Huwa jsostni li l-ewwel Qorti imponiet il-piena ta' canfira meta l-pieni indikati mis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 3 tal-Kap. 66 huma dawk tal-multa jew tal-prigunerija.

Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 3 tal-Kap. 66 jghid testwalment:

**"Kull min, minghajr licenza tal-Kummissarju tal-Pulizija, izomm f'xi fond arma tan-nar jew munizzjon jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' minn tliet xhur sa tliet snin:**

**Izda meta, wara li tkun giet ikkunsidrata l-kwantita` jew il-kwalita` ta' dawk l-armi tan-nar jew munizjon, il-qorti tkun tal-fehma illi dawn ma kenux qed jinzammu sabiex isir bejgh jew traffikar iehor kontra l-ligi b'dawk l-armi tan-nar jew munizzjoni, il-hati jehel il-piena ta' multa ta' mhux inqas minn tletin lira jew prigunerija**

**ghal zmien ta' mhux izjed minn tliet xhur, jew dik il-multa u prigunerija flimkien."**

Issa tajjeb li jigi osservat li l-artikolu 27 ta' l-istess Kap. 66 jipprovdi li d-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-*Probation* u ta' l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali ma japplikaw ghall-ebda reat kontra d-disposizzjonijiet tal-Kap. 66. Fil-kaz in dizamina, l-ewwel Qorti ma setghetx tapplika l-piena tac-canfira minghajr ma tirrikorri ghall-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali. U dan huwa prekluz mill-artikolu 27 ta' l-istess Kap. 66. Ghalhekk l-inqas piena li l-ewwel Qorti setghet timponi fuq l-appellant (allura imputat) kienet dik ta' multa ta' tletin lira (Lm30) kif stabbilit fil-*proviso* ta' l-artikolu 3(1) tal-Kap. 66. Konsegwentement l-appell ta' l-Avukat Generali jimmerita li jigi milqugh. U mic-cirkostanzi li gew spjegati lil din il-Qorti, il-piena li ghandha tigi imposta ghandha fil-fatt tkun dik minima.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirriforma s-sentenza appellata u filwaqt illi tikkonfermaha in kwantu s-sejbien ta' htija, bl-assorbiment tat-tieni imputazzjoni fl-ewwel imputazzjoni, tirrevokaha fejn ikkundannat lill-appellant ghal canfira u minflok tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' tletin lira (Lm30).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------